



Brussell, 8 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

10048/23

PROCIV 39
IPCR 40
COHAFA 61
DEVGEN 102
JAI 762
ATO 32
CHIMIE 51
COEST 342

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 9798/23	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza tas-soċjetà kollha fil-kuntest tal-protezzjoni ċivili, inkluż it-tnejn għat-theddud kimiku, bijoloġiku, radjoloġiku u nukleari (CBRN)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmija hawn fuq, kif approvati mill-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fit-3955 laqgħa tiegħu li saret fit-8 u d-9 ta' Ġunju 2023.

KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL DWAR IT-TISĦIĦ TAR-REŻILJENZA TAS-SOĊJETÀ KOLLHA FIL-KUNTEST TAL-PROTEZZJONI ĊIVILI, INKLUŻ IT-THEJJJA GĦAS-CBRN

Introduzzjoni

1. Filwaqt li jikkunsidra l-Artikolu 196 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri biex jindirizzaw id-diżastri, u l-Artikolu 222 TFUE, li skontu l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jaġixxu fi spirtu ta' solidarjetà jekk Stat Membru jintlaqat minn diżastru;
2. Filwaqt li jissottolinja li fl-aħħar snin, l-Ewropa kellha esperjenza ta' diversi kriżijiet paralleli, fit-tul, trażversali u transfruntiera. Dawn jinkludu l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-pandemija tal-COVID-19, u għadd kbir ta' diżastri naturali bħal terremoti, nirien, u għargħar, li ħafna minnhom huma aggravati mit-tibdil fil-klima, u li kollha jeħtieġu ġestjoni effettiva tad-diżastri, u waqt li jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' approċċ mil-lat tas-soċjetà kollha fir-rispons għal dawn il-ħtiġijiet u t-theddid;
3. Filwaqt li jikkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2009 dwar it-tisħiħ tas-sigurtà kimika, bijoloġika, radjoloġika u nukleari (CBRN) fl-Unjoni Ewropea - Pjan ta' Azzjoni CBRN tal-UE¹, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2009 dwar is-sensibilizzazzjoni dwar il-protezzjoni ċivili², il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2021 dwar it-tisħiħ tat-thejjja, il-kapaċità ta' rispons u r-reżiljenza għal kriżijiet futuri³, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2021 li jirreferu għat-thejjja, il-kapaċità ta' rispons u r-reżiljenza kollettivi tagħna għal kriżijiet futuri bħala prijorità trażverali prinċipali għall-Unjoni⁴, u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2022 dwar il-ħidma tal-protezzjoni ċivili fid-dawl tat-tibdil fil-klima⁵ li jisħqu fuq il-bżonn ta' azzjoni intensifikata biex jiżdiedu l-prevenzjoni, it-thejjja u l-kapaċità ta' rispons b'rabta mat-tibdil fil-klima kif ukoll fuq l-importanza li ċ-ċittadini stess jikkontribwixxu għas-sikurezza u r-reżiljenza tagħhom;

¹ 15505/1/09 REV1 + COR1 + COR2

² 9976/09

³ 14276/21

⁴ EUCO 22/21

⁵ 7146/22

4. Filwaqt li jieħu nota tal-Komunikazzjoni u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-għanijiet tal-Unjoni marbuta mar-reżiljenza għad-diżastri⁶, adottata fit-8 ta' Frar 2023, li tagħti linja bażi komuni mhux vinkolanti għat-tisħiħ tal-kapaċità kollettiva tal-UE li tipprevjeni l-impatti tad-diżastri, tħejji għalihom u tirrispondi għalihom, u li tħares liċ-ċittadini, l-għajxien tagħhom u l-ambjent;
5. Filwaqt li jirrikonoxxi li l-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM) jaqdi rwol ewlieni fir-rispons tal-Ewropa għad-diżastri naturali u daww ikkawżati mill-bniedem, fost l-oħrajn bil-provvista ta' assistenza in natura lill-Ukrajna u lil pajjiżi oħra milquta mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja;

II-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

6. Jirrikonoxxi ż-żminijiet diffiċli, bi gwerra fuq skala kbira fl-Ewropa, it-tibdil fil-klima u l-pandemija tal-COVID-19, filwaqt li jisħaq fuq l-importanza tat-tisħiħ tar-reżiljenza tas-soċjetà kollha fil-kuntest tal-protezzjoni ċivili quddiem għadd dejjem jikber ta' kriżijiet fit-tul, kumplessi, transfruntiera u trażversali;
7. Japprezza l-Komunikazzjoni u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-għanijiet mhux vinkolanti tal-Unjoni marbuta mar-reżiljenza għad-diżastri⁷, inkluż l-inizjattivi ewlenin korrispondenti, u jissottolinja l-importanza tal-promozzjoni tal-komplementarjetà u sinerġiji futuri possibbli ma' linji ta' ħidma oħra fil-livell tal-UE u f'dak mondjali, bħall-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi⁸, il-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015-2030, kif ukoll il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO, b'rispett sħiħ tal-prinċipji tal-ftuħ u t-trasparenza reċiproċi, l-inklużività u r-reċiproċità u l-awtonomija fit-teħid tad-deċiżjonijiet, u abbażi tal-għanijiet tal-Unjoni marbuta mar-reżiljenza għad-diżastri u s-seba' rekwiżiti bażi tan-NATO għar-reżiljenza nazzjonali permezz tad-Dialogu Struttura bejn l-UE u n-NATO dwar ir-reżiljenza;
8. Ifakkar li fil-qasam tal-protezzjoni ċivili, ittieħdu passi inizjali biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-soċjetà kollha;

⁶ 6281/23 + ADD1, 6259/23

⁷ Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (C/2023/400) tat-8 ta' Frar 2023 dwar l-għanijiet tal-Unjoni marbuta mar-reżiljenza għad-diżastri 2023/C 56/01, ĠU C 56, 15.2.2023, p. 1; Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2023) 61 final

⁸ Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE, ĠU L 333, 27.12.2022, p. 164-198

9. Jilqa' d-diskussjonijiet dwar inizjattiva Ewropea għas-sensibilizzazzjoni u t-tħejjija għall-kriżijiet u jenfasizza li din għandha tkun imsejsa fuq approċċ tal-perikli kollha sabiex il-popolazzjoni tinġab f'pożizzjoni li tkun reżiljenti meta l-funzjonijiet tas-soċjetà jitħarbtu;
10. Japprezza l-passi meħuda mill-Kummissjoni biex tagħti bidu għal studju ta' mmappjar u tal-fattibbiltà li għandu jikkonċettwalizza aktar l-inizjattiva Ewropea għas-sensibilizzazzjoni u t-tħejjija għall-kriżijiet, waqt li jitqiesu l-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-ħtieġa tal-flessibbiltà għall-Istati Membri biex jadattaw l-inizjattiva għall-varjazzjonijiet nazzjonali;
11. Jilqa' approċċ pass pass, li jibda bl-immappjar tal-prattiki tajba ta' kooperazzjoni bejn is-settur pubbliku u l-privat, li jista' jikkontribwixxi biex isaħħaħ l-involvement tas-settur privat fl-attivitajiet tal-protezzjoni ċivili waqt il-fażijiet ta' prevenzjoni, tħejjija u rispons;
12. Jirrikonoxxi li r-rispons tal-UCPM għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna huwa l-akbar operazzjoni ta' protezzjoni ċivili tal-UE, u l-aktar waħda kumplikata, mill-istabbiliment tal-UCPM, u jissottolinja l-ħtieġa li l-protezzjoni ċivili tissaħħaħ kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak tal-Istati Membri;
13. Ifakkar fil-ħidma taċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza (ERCC) u tal-Kunsill, inkluż fil-qafas tal-attivazzjoni tal-Arranġamenti Integrati tal-UE għal Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi (IPCR) għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna;
14. Jinnota b'mod partikulari l-miżuri proposti għall-arranġamenti ta' tħejjija u rispons tas-CBRN li jistgħu jittieħdu mill-UE u mill-Istati Membri minħabba l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna;
15. Jissottolinja l-importanza tat-tisħiħ tat-tħejjija għal inċidenti ta' CBRN tul il-firxa sħiħa ta' riskji, kemm fl-Ukrajna kif ukoll barra minnha;
16. Jagħraf li hemm bżonn jittieħdu għadd ta' azzjonijiet fi żmien qasir, sabiex tkompli tissaħħaħ it-tħejjija fil-każ ta' inċident tas-CBRN, iżda wkoll li hemm bżonn ta' azzjonijiet li jittieħdu fuq żmien itwal sabiex isaħħu l-kapaċità tal-Unjoni li tħejji u tirrispondi għal inċidenti tas-CBRN;
17. Jissottolinja l-importanza tar-reżiljenza nazzjonali għas-CBRN u tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' tħejjija u rispons għas-CBRN kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll tal-UE, sabiex b'hekk

tiżdied ir-reżiljenza tal-UE, li fl-istess ħin tippermetti l-appoġġ lill-pajjiżi terzi, fosthom l-Ukrajna;

18. Jissottolinja l-importanza tal-kooperazzjoni ċivili-militari fl-operazzjonijiet tas-CBRN, inkluż fil-qafas tal-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO b'rispett sħiħ tal-prinċipji gwida maqbula, sabiex tiżgura l-koerenza tal-isforzi tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet, il-kondiviżjoni adegwata, reċiproka u nondiskriminatorja tal-informazzjoni u l-azzjonijiet ta' rispons koordinat;

Jistieden lill-Istati Membri

19. Jenfasizzaw il-ħtieġa ta' approċċ ta' reżiljenza tas-soċjetà kollha minħabba l-ġhadd dejjem jikber ta' kriżijiet paralleli, fit-tul, trażversali u transfruntiera;
20. Jappoġġaw l-azzjonijiet ta' prevenzjoni u ta' tħejjija bl-iskop li jtejbu l-kapaċità tal-Unjoni u tal-Istati Membri sabiex jifilħu għall-effetti ta' diżastru li jkollu jew li kapaċi jkollu effetti transfruntiera u f'diversi pajjiżi, billi jippromwovu l-implimentazzjoni tal-għanijiet mhux vinkolanti tal-Unjoni marbuta mar-reżiljenza għad-diżastri;
21. Jikkunsidraw jieħdu sehem attiv f'inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni u ta' tħejjija fil-livell tal-UE, speċjalment fil-proposta l-ġdida "PreparEU", b'attenzjoni partikulari fuq it-tħejjija tal-individwi, b'kont meħud tal-inizjattivi lokali, reġjonali u nazzjonali;
22. Jinkorporaw u jikkondividu, fejn xieraq, informazzjoni dwar kampanji nazzjonali ta' sensibilizzazzjoni u tħejjija biex jappoġġaw il-ħidma tal-proġett ewlieni skont l-għan numru 2 tal-Unjoni marbuta mar-reżiljenza għad-diżastri;
23. Jikkunsidraw l-iżvilupp ulterjuri tal-prattiki ta' kooperazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat li jżidu, fejn xieraq, l-attivitajiet ta' protezzjoni ċivili fil-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons;
24. Ikomplu jaraw x'possibiltajiet għandhom li joffru u jirreġistraw kapaċitajiet ġodda rilevanti għas-CBRN fir-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili (ECPP);

25. Isaħħu l-kooperazzjoni fil-Kunsill biex jappoġġaw, kif xieraq, il-koordinazzjoni fil-komunikazzjoni, fl-attivitajiet ta' informazzjoni u fl-isforzi marbuta mat-tnejn għal inċidenti possibbli tas-CBRN. Matul l-attivitazzjoni tal-IPCR, b'rabta ma' inċidenti possibbli tas-CBRN, in-network ta' komunikaturi f'każ ta' kriżi (CCN), li jagħmel parti mill-arranġamenti tal-IPCR, għandu jingħata l-kompitu kif xieraq mill-Presidenza li jsaħħaħ il-komunikazzjoni mal-pubbliku u li jwassal messaġġ koerenti dwar l-aspetti differenti tal-kriżi li tkun qed isseħħ. Is-CCN jista' wkoll jingħata l-kompitu mill-Presidenza u mil-laqgħat tal-IPCR biex iwettaq attivitajiet speċifiċi marbuta ma' kriżi li tkun għaddejja sabiex jesplora l-possibbiltajiet għal komunikazzjoni konġunta, azzjonijiet ta' informazzjoni u sforzi marbuta ma' inċidenti possibbli tas-CBRN;
26. Isaħħu l-parteċipazzjoni f'taħriġ u f'eżerċizzji b'rabta mas-CBRN.

Jistieden lill-Kummissjoni

27. Tippromwovi l-implimentazzjoni tal-għanijiet mhux vinkolanti tal-Unjoni marbuta mar-reżiljenza għad-diżastri, fosthom l-inizjattivi ewlenin u flimkien mal-Istati Membri tivvaluta l-progress li jkun sar, u tirrieżamina u tiżviluppa l-għanijiet, skont il-bżonnijiet li dejjem jinbidlu u l-azzjonijiet meħuda sabiex tindirizza l-lakuni identifikati fit-tagħlimiet meħuda, fit-tiswir ta' xenarji u fl-ippjanar tal-ġestjoni tad-diżastri, fuq it-territorju kollu tal-Unjoni Ewropea, inkluż ir-reġjuni ultraperiferiċi, waqt li tevita l-piż amministrattiv u d-duplikazzjoni;
28. Tmexxi 'l quddiem, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, il-ħidma fuq l-istudju ta' mmappjar u tal-fattibbiltà li jikkonċettwalizza aktar l-inizjattiva Ewropea għas-sensibilizzazzjoni u t-tnejn għall-kriżijiet, inkluż ir-riskji speċifiċi marbuta mar-reġjuni ultraperiferiċi;
29. Twettaq, flimkien mal-Istati Membri, l-immappjar tal-kooperazzjoni li qed issir mas-settur privat fil-livell tal-UE u dak nazzjonali fil-qasam tal-protezzjoni ċivili, filwaqt li tagħraf il-mandati u l-mod ta' implimentazzjoni differenti tal-Istati Membri.

Fir-rigward ta' miżuri CBRN għal żmien qasir, jistieden lill-Kummissjoni

30. Issaħħaħ il-kapaċità tat-twissija bikrija tas-CBRN, li tiżgura rispons effettiv u f'waqtu, f'kollaborazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, fosthom organizzazzjonijiet internazzjonali (pereżempju l-IAEA u l-OPCW);

31. Tiżgura u tiffaċilita diskussjonijiet speċifiċi bbażati fuq xenarji tas-CBRN mal-Istati Membri, mal-Istati parteċipanti fl-UCPM u mal-organizzazzjonijiet rilevanti sabiex jiġu esplorati azzjonijiet ulterjuri;
32. Tiegħu l-miżuri meħtieġa biex tesplora l-prospetti tal-provvista ta' informazzjoni lill-Istati Membri b'informazzjoni regolari speċifika għas-CBRN marbuta mal-gwerra fl-Ukrajna u r-riskji tas-CBRN, kif xieraq, li jirriżultaw fi thejjiha kollettiva aħjar u fl-identifikazzjoni ta' azzjonijiet ta' appoġġ;
33. Tħaffef il-proċess ta' ċertifikazzjoni tal-kapaċitajiet tas-CBRN irreġistrati fir-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili, tkompli tibni l-kapaċitajiet ta' RescEU, u flimkien mal-Istati Membri ma' organizzazzjonijiet internazzjonali tesplora kif il-kapaċitajiet tas-CBRN disponibbli fil-livell nazzjonali jew f'organizzazzjonijiet oħra, jistgħu jintużaw fil-qafas tal-UCPM;
34. Tesplora aktar possibbiltajiet biex tiffaċilita l-akkwist tal-Istati Membri ta' tagħmir tas-CBRN, anke skont rescEU, tidentifika modi kif tkompli tqassar il-ħin meħud għall-varar tal-kapaċitajiet f'każ ta' inċidenti tas-CBRN, u tivvaluta l-effikaċja tal-attivitajiet u tal-operazzjonijiet li diġà qed jitwettqu;
35. Tesplora soluzzjonijiet flimkien mal-Istati Membri biex tiffaċilita l-possibbiltà tal-Istati Membri li jvaraw il-kapaċitajiet ta' protezzjoni ċivili marbuta mas-CBRN lejn pajjiżi milquta minn kunflitt, u tesplora aktar it-taħriġ lil persunal Ukren;
36. Tesplora f'kooperazzjoni mal-Istati Membri l-prospetti għall-istabbiliment ta' arranġamenti ta' appoġġ estern, jew l-espansjoni ta' dawk eżistenti, biex b'mezzi virtwali tagħti appoġġ espert u analitiku lill-persuni tal-ewwel rispons u lil persunal ieħor.

Fir-rigward ta' miżuri tas-CBRN għal żmien itwal, jistieden lill-Kummissjoni

37. F'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u ma' organizzazzjonijiet rilevanti, tkompli tesplora l-possibbiltajiet biex tiżgura li l-UCPM jiġi mifhum b'ħala mezz primarju għal talbiet marbuta mal-protezzjoni ċivili għall-materjali (ekwipaġġi, tagħmir, provvisti, fost oħrajn);
38. F'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, tkompli tesplora l-possibbiltajiet ta' kif jiġu indirizzati l-lakuni eżistenti fil-kapaċitajiet li jkunu meħtieġa f'każ ta' inċidenti kbar tas-CBRN b'effett kaskata;

39. Tesplora kif jista' jiżdied l-aċċess għas-suq ta' tipi differenti ta' tagħmir, provvisti u materjal rilevanti għas-CBRN billi tagħti tbassir fit-tul tax-xiri;
 40. Issegwi lill-awtoritajiet tal-protezzjoni ċivili b'bidma rigward taħriġ rilevanti u bżonnijiet ta' eżerċizzju, u jekk possibbli, tagħmel arranġamenti għal taħriġ u eżerċizzji aktar regolari ta' protezzjoni ċivili b'rabta mas-CBRN;
 41. F'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri tkompli tiddiskuti x'segwitu jista' jsir għall-miżuri proposti u kif jistgħu jiġu implimentati.
-